MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 22 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 29 ta' Marzu 2011 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Frederick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

22.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 21 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korezzjonijiet.

22.2 Arrising Out

22.2.1 Kien ser jitkompla ix-xoghol ta' manutenzjoni fuq il-pavimentar

22.2.2. Il-hsarat li hemm fuq safety flooring fil-playing field li twahhal dan l-ahhar ser jigi msewwi mil-kumpanija JGC li kienet forniet l-istess tiles, ghas spejjes taghha.

22,2,3 Kienet ser isir laqgha ma' Enemalta biex jigu diskussi diversi issues li hemm pendent.

22.2.4 Kien tlesta ix-xoghol fuq il wiring tal-Fanali. Kien hemm qbil li nqabdu lil Salvu Micallef biex jaghmel xoghol biex jimla il-grouting min fejn ghadda il- wire

22.3 Korrispondenza batch 28 u 29

22.3.1 Korrispondenza min Banif Bank dwar proposta sabiex l-Kontijiet bankarji tal-Kunsill jigu trasferiti ma branch taghhom.. Il-kunsill kien ser jikkonsidra din it-talba darba ohra

22.3.2 Ittra minn R Carabott , Ufficjal kumitat kongut, dwar il-kwistjoni tal-Parkegg ta' Persuni b'dissabilta. Qbilna li naghmlu laqgha ma Joe Dalli bhal il-President tal-istess kumiata fejn fiha naghmlu talba biex jieqaf l-abbuz tal-hrug ta' kontravenzjonijiet

22.3.3 Talba mill-MUESEC dwar Energy Initiative- kien hemm qbil li bhal ma kien tiga miftiehem bejn numru kbir ta' Kunsilli ninominaw lil Paul Farrugia, Sindku ta' Hat-Tarxien bex jkun project leader.

22.3.4 Kellna talba min Fondazzjoni Majjestral sabiex nhallsu il-membership fee..Qbilna li nhallsu is-somma ta' Euro 2000.

22.3.5 Kellna talba mil-Kunsill Lokali tal-Mellieha sabix nospitaw grupp ta' 200 persuna mil-Konferenza tal-EDEN . Dawn kellhom jigu l-Imdina u ndawruhom kif ukoll noffrulom drink

22.3.6 Kellna stedina min Convenent of Mayors ghal seminar fi Brussel dwar Sustainbale Energy. Kien hemm qbil li ninominaw lil JD u FA .

22.3.7 Ittra mil-Avukat Joe Camilleri dwar kont pendenti mat-Transport Malta. Qbilna li nhallsu dan il-kont li jammonta ghal Euro500

22.3.8 . Kellna talba min Kunsil fil-Grcja , Vironas, sabiex nidhlu partnership maghhom fuq progett dawr postijiet sagri. Kien hemm qbil li nippartecipaw

22.3.9 Kellna talba minn Marianne ABela – President tal-Kumiat organizzativ tal- Wall Cities Reunion organizza minn Lions Club tal-Imdina sabiex nospitaw id-delegati tal-Konferenza li ser isir f'Gunju. Dawn ghandhom jigu mdawra mal Mdina kif ukoll noffruhlom drink u canapés

22.3.10 Kellna talba minn Joanne Debono dwar hrug ta' permess ghal access f'l-Imdina . Din it-talba ma gietx milqugha

22.3.11 Talba minn Adrean Mizzi biex jingibdu xi ritratti f'l-Imdina ghal Magazine tal- Moda. Din it-talba giet milqugha

22.3.12 Saret Talba minn Stella Marisa College sabiex nghatu donazzjoni. Minhabba li l-Kunsill ma setghax bil-ligi jaghti donazzjonijiet , din it-talba ma gietx milqugha

22.3.13 Ittra minn Perit David Vassallo , Transport Malta dwar il-Parkegg ta' Howard Gardens.Qbilna li naghmlu laqgha mieghu

22.4 Festival Medjevali

22.4.1 PS u PSM taw dettalji tal-preparamenti ghal Festuval Medjevali li ser jigi organizza mill-Kunsill bejn is-7 u it- 8 ta' Mejju. Kien ghandhom qed isiru sforzi ma diversi ministeri sabiex il-parti tal-Fjuri jsir permezz ta' fondi li jingabru , inkella ma kelniex budget . Bhala sponsorship iehor kien ukoll batut , izda konna giebna minghand il-MIA u Camilleri Wines, filwaqt li konna giebna sponsorship in kind, fosthom Farson u Attard & Co. Kien ghadu qed isir sforz ta' l-ahhar biex insiebu sponsorship iehor. Xi uhud mil-partecipanti kienu ukoll ser jhallsu l-vjagg taghhom lejn Malta.
Matul din is-sena qed isiru kull sforz sabiex l-ispejjes jigu limitati specjalment fuq affarijiet ancellari bhal riklamar u numru ta; atturi

22.4.2 Kien hemm qbil li nigbru riklami ghal Brochure tal-Festival. Kull riklam kellhu jingabar Euro50. Dan jkun miftih ghal Stabillimenti gewwa l-Imdina

22.4.3..Giet aggudikata l-offerta dwar it-Trasport tal-Festival. L-offerta milqugha hija dik ta' Antoine Sant. Din kienet l-unika offerta

22.4.4 Giet aggudikata l-offerta ghas-servizz ta' Sound waqt il-Festival. L-offerta mghazula hija dik ta' Audio Systems, minhabba li kienet l-aktar vantagguza.

22.4.5 Dwar l-offerta tal-Lukandi , minhabba in-natura tal-gruppi hija differenti kien hemm qbil li ghalkemm tigi milqugha l-offerta tal-Palazzin Hotel, dan ma jeskludiex li nuzaw Lukandi ohra gha gruppi differenti.

22.5 Semiar Sustainable Energy

22.5.1 Kif qbilna aktar qabel ghal dan is-seminar ser jattendu JD u FA

22.6 Progett ghal fondi mill-Fondazzjoni Majjestral

21.6.1 Wara li kienet harget is-sejha 313 ghal Urban Development biex jintuzaw Fondi mill-Ewropa, Il-fondazzjoni Majjestral ghamlet talba sabiex il-Kunsilli japplikaw bi progetti fejn il-fondazzjoni tkun tista tghinhom . Kienet saret laqgha ma Geometrix li kienu qed jghinu lil Kunsill fl-applikazzjoni ta' progett ta' Thematic Leisure park fit-tomba. Il-kunsill approva dan il-progett u Geometrix kellhom jiehdu hsieb l-aspett tekninku kollhu fi stadju tal-applikazzjoni u eventwalment tal-progett jekk jigu approvati l-fondi

22.7 Accountant tal-Kunsill

22.7.1 PS spjega lil Kunisll il-problema li kellna bhalissa fuq l-Accounts minhabb li Patrick Caruana , l-Accountant ma kienx qed jigi u ghal xi zmien kien introvabli. L-awdituri tal-Kunsill kienu ukoll qed jinsistu li jkollnalna kollox lest fejn dak li jirrigwardja is-sitwazzjini u Rapporti finanzjarji tas-sena 2010. Ghalhekk qbilna li naghmlu talba ghal offerti ghsl Accountant tal-Kunsill.

22.8 Affarijiet Ohra meqjusa urgenti

22.8.1 F'dan l-istadju gew mistiedna ghal-laqgha Joe Said, Charles Sammut u Benny Owen, ufficjali tal-Valletta Grand Prix. Huma spjegaw it-talba taghhom sabiex numru ta; vetturi li jiehdu sehem waqt dan ir-Rally jigu l-Imdina u jaghmlu wirja. Ahna spjegajna li l-aktar li jinkwetana hija iz-zjut li jhallu certi korozzi fuq il-pavement tat-toroq taghna. Wara diskussjoni qbilna li naghatu permezz biex dan l-avveniment li ser jsir fit-20 ta' Mejju jsir jekk jkollhom approvazzzjoni min naha tal-OPM kif ukoll jaghmlu hlas ta Euro2000.

22.8.2 Gew approvati il-pagamenti fl-iskeda numru 3/11.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |